MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 22/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Louis Grech**

Numru 22/2015

Illum 06 ta' Mejju 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Louis Grech**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Francis u Georgina neé Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-31 ta' Mejju 1993, u residenti 64,

'Venus', Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 23293(G), akkuzat talli gewwa residenza 64, 'Venus', Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, nhar l-24 ta' Awwissu 2013 ghall-habta ta' 11.00p.m u matul il-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti, s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

4. fix-xahar ta' Awwissu 2013 u/jew fil-gimghat ta' qabel forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li

jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.

292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. "D").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ghandhom jitqiesu bhala *trafficking by sharing*.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali (Dok. "B") tieghu (li hija wahda kompletament nadifa), u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u Artikoli 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati issib lill-imputat Joseph Louis Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u filwaqt li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00) tapplika wkoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn u tlitt (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------